**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, l-Erbgħa, ħamsa (5) ta' Ġunju 2024

Kawża Nru 218/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

vs

**Gabriel Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Gabriel Zammit**, iben Raymond Zammit u Susanne nee' Hili, imwieled fit-tmintax (18) ta' Settembru 1993 u residenti f' Madonnina, Triq Forn il-Gir, Rabat Ghawdex. detentur tal-karta ta' l-identita' 33193(G) talli nhar id-dsatax (19) ta' Awissu 2023 għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofsinhar (12:30hrs) ġewwa Zammit Woodworks, Qasam Industrijali Xewkija Ghawdex:

(1) ħebb għall-persuna ta' Christian Mario Zammit u ikkaġunalu feriti ta' natura ħafifa skond kif iċċertifikat Dr Martha Grima Med reg no 3980 MD miċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat Għawdex;[1]

(2) insulenta, inġurja jew hedded lil Christian Mario Zammit.[2]

Il-Qorti ġiet mitluba li titratta dan il-każ bħala Vjolenza Domestika skond il-Kapitlu 581.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija toħroġ ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Christian Mario Zammit, persuni offiżi jew individwi oħra skont l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali.

Rat id-dokumenti kollha preżentati;

Semgħet ix-xhieda ta' Christian Mario Zammit;

Ikkunsidrat;

Għall-fini ta' sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-akkużi addebitati lil Gabriel Zammit kien neċessarju li l-parte civile Christian Mario Zammit jagħti d-

[1] Artikolu 221(1) tal-Kap. 9
[2] Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9

deposizzjoni tiegħu biex jispjega l-akkadut. Madanakollu Christian Mario Zammit għażel li ma jixhidx biex ma jinkriminax lilu inniffsu peress li b'rabta mal-istess inċident ittieħdu wkoll proċeduri kriminali kontra tiegħu. Dan ifisser għalhekk li l-Qorti kienet sprovvista mill-aħjar prova. L-affidavit ta' PS 1462 J. Attard fih biss dak li l-partijiet irrappurtaw lilu u għalhekk huwa biss *detto del detto.* Dan mhux suffiċjenti sabiex abbażi tiegħu tkun tista' tinstab ħtija.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti **<u>mhux qiegħda</u>** issib lill-akkużat ħati tal-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu u qiegħda tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Joseph Grech
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur